

31989L0666

30.12.1989

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 395/36

IL-HDAX IL-DIRETTIVA TAL-KUNSILL**tal-21 ta' Diċembru 1989****dwar il-ħtiġiet ta' l-iżvelar rigward il-friegħi miftuħa fi Stat Membru minn ċerti tipi ta' kumpanniji rregolati bil-liġijiet ta' Stat ieħor**

(89/666/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 54 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

B'kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽³⁾,

Billi sabiex jithaff l-eżerċizzju tal-libertà ta' l-istabbiliment rigward il-kumpanniji koperti bl-Artikolu 58 tat-Trattat, l-Artikolu 54(3)(g) u l-programm ġenerali dwar it-tneħħija tar-restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' l-istabbiliment jeħtieġu l-kordinament tas-salvagwardji meħtieġa mill-kumpanniji u mid-ditti fl-Istati Membri għall-protezzjoni ta' l-interessi tal-membri u ta' oħrajn;

Billi sa issa dan il-kordinament ġie effettwat rigward l-iżvelar bl-adozzjoni tal-Ewwel Direttiva 68/151/KEE ⁽⁴⁾ li tkopri kumpanniji b'kapital azzjonarju, kif l-aħħar emendata bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-1985; billi tkomplet fil-kamp tal-kontabilità mir-Raba' Direttiva 78/660/KEE ⁽⁵⁾ dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpanniji, kif l-aħħar emendata bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-1985, is-Seba' Directive 83/349/KEE ⁽⁶⁾ dwar il-kontijiet ikkonsolidati, kif emendata bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-1985, u t-Tmien Direttiva 84/253/KEE ⁽⁷⁾ dwar il-persuni responsabbli mit-tweġiq tal-verifiki statutorji tad-dokumenti tal-kontijiet;

Billi dawn id-Direttivi japplikaw għall-kumpanniji bħala ta' hekk iżda ma jkoprux il-friegħi tagħhom; billi l-ftuħ ta' fergħa, bħall-ħolqien ta' sussidjarja, huwa wieħed mill-possibiltajiet miftuħa bħalissa għall-kumpanniji fl-eżerċizzju tad-dritt tagħhom li jistabbilixxu lilhom infushom fi Stat Membru ieħor;

Billi fir-rigward ta' friegħi, in-nuqqas ta' kordinament, b'mod partikolari dwar iżvelar, jagħti lok għal uħud mid-disparitajiet, fil-protezzjoni ta' l-azzjonisti u partijiet terzi, bejn il-kumpanniji li joperaw fi Stati Membri oħra bil-ftuħ ta' friegħi u dawk li joperaw hemmhekk billi joħlqu sussidjarji;

Billi f'dan il-kamp id-differenzi fil-liġijiet ta' l-Istati Membri jistgħu jindaħlu fl-eżerċizzju tad-dritt ta' l-istabbiliment; billi huwa għalhekk meħtieġ li jiġu eliminati dawn id-differenzi sabiex jitħares, *inter alia*, l-eżerċizzju ta' dan id-dritt;

Billi sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-persuni li jittrattaw ma' kumpanniji permezz ta' l-intermedjarju tal-friegħi, huma meħtieġa miżuri rigward l-iżvelar fl-Istat Membru li fih tkun lokata fergħa; billi, f'ċerti każijiet, l-influenza ekonomika u soċjali ta' fergħa tkun tista' titqabbel ma' dik ta' kumpannija sus-sidjarja, sabiex ikun hemm interess pubbliku fl-iżvelar tal-kumpannija fil-fergħa; billi sabiex jiġi effettwat dan l-iżvelar huwa meħtieġ illi jsir użu mill-proċedura diġà stabbilita għall-kumpanniji b'kapital azzjonarju ġewwa l-Komunità;

Billi dan l-iżvelar jirrigwarda firxa ta' dokumenti importanti u partikolaritajiet u emendi għalihom;

Billi dan l-iżvelar, bl-eċċezzjoni tal-poteri tar-rappreżentazzjoni, l-isem u l-forma legali u l-istralċ tal-kumpannija u l-proċedimenti ta' falliment li hija bla ħsara għalihom, jista' jiġi llimitat għat-tagħrif li jirrigwarda l-fergħa nfisha flimkien ma' referenza għar-reġistru tal-kumpannija li din il-fergħa tagħmel parti minnha, billi taħt ir-regoli Komunitarji eżistenti t-tagħrif kollu li jkopri l-kumpannija bħala ta' hekk ikun disponibbli f'dan ir-reġistru;

Billi d-dispożizzjonijiet nazżjonali dwar l-iżvelar tad-dokumenti tal-kontijiet li jllollhom x'jaqsmu ma' fergħa ma jkunux jistgħu jiġu ġġustifikati iktar wara l-kordinament tal-liġijiet nazżjonali rigward it-tfassil, il-verifika u l-iżvelar tad-dokumenti tal-kontijiet tal-kumpanniji; billi huwa għalhekk biżżejjed li jiġu żvelati, fir-reġistru tal-fergħa, id-dokumenti tal-kontijiet kif ivverifikati u żvelati mill-kumpannija;

Billi l-ittri u l-formoli ta' l-ordnijiet użati minn fergħa għandhom jagħtu mill-inqas l-istess tagħrif bħall-ittri u l-formoli ta' l-ordnijiet użati mill-kumpannija, u jiddikjaraw ir-reġistru li fih il-fergħa tkun irreġistrata;

Billi sabiex jiġi żgurat illi l-għanijiet ta' din id-Direttiva jiġu rrealizzati fis-sħiħ u sabiex tiġi evitata kull diskriminazzjoni fuq

⁽¹⁾ ĠU C 105, ta' l-1.4.1988, p. 6.

⁽²⁾ ĠU C 345, tal-21.12.1987, p. 76 u ĠU C 256, tad-9.10.1989, p. 27.

⁽³⁾ ĠU C 319, tat-30.11.1987, p. 61.

⁽⁴⁾ ĠU L 65, ta' l-14.3.1968, p. 8.

⁽⁵⁾ ĠU L 222, ta' l-14.8.1978, p. 11.

⁽⁶⁾ ĠU L 193, tat-18.7.1983, p. 1.

⁽⁷⁾ ĠU L 126, tat-12.5.1984, p. 20.

il-bażi tal-pajjiż ta' l-oriġini tal-kumpannija, din id-Direttiva għandha tkopri wkoll il-friegħi miftuħa mill-kumpanniji rregolati bil-liġijiet ta' pajjiżi mhux membri u stabbiliti fil-forom legali li jistgħu jitqabblu mal-kumpanniji li għalihom tapplika d-Direttiva 68/151/KEE; billi għal dawn il-friegħi hija meħtieġa l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet differenti minn dawk li japplikaw għall-friegħi ta' kumpanniji rregolati mil-liġijiet ta' l-Istati Membri l-oħra għaladarba d-Direttivi riferiti hawn fuq ma japplikawx għall-kumpanniji minn pajjiżi mhux membri;

Billi din id-Direttiva bl-ebda mod ma taffettwa l-ħtiġiet ta' l-iżvelar għall-friegħi taħt dispożizzjonijiet oħra ta', per eżempju, il-liġi tax-xogħol dwar id-drittijiet tal-ħaddiema għat-tagħrif u l-liġi tat-taxxa, u għal skopijiet ta' statistika;

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

TAQSIMA I

Il-friegħi tal-kumpanniji minn Stati Membri oħra

Artikolu 1

1. Id-dokumenti u l-partikolaritajiet li għandhom x'jaqsmu ma' fergħa miftuħa fi Stat Membru minn kumpannija li hija rregolata bil-liġijiet ta' Stat Membru ieħor u li għalihom tapplika d-Direttiva 68/151/KEE għandhom jiġu żvelati skond il-liġijiet ta' l-Istat Membru tal-fergħa, skond l-Artikolu 3 ta' din id-Direttiva.

2. Meta l-ħtiġiet ta' l-iżvelar rigward il-fergħa jiddifferixxu minn dawk rigward il-kumpannija, il-ħtiġiet ta' l-iżvelar rigward il-fergħa, il-ħtiġiet ta' l-iżvelar tal-fergħa għandhom jieħdu preċedenza rigward it-transazzjonijiet imwettqa mal-fergħa.

Artikolu 2

1. L-iżvelar obligatorju pprovvdut fl-Artikolu 1 għandu jkopri biss id-dokumenti u l-partikolaritajiet li ġejjin:

- (a) l-indirizz tal-fergħa;
- (b) l-attivitajiet tal-fergħa;
- (ċ) ir-reġistru li fih jinżamm il-fajl tal-kumpannija msemmi fl-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 68/151/KEE, flimkien man-numru tar-reġistrazzjoni f'dan ir-reġistru;
- (d) l-isem u l-għamla legali tal-kumpannija u l-isem tal-fergħa jekk dan ikun differenti mill-isem tal-kumpannija;
- (e) il-ħatra, it-tmiem tal-kariga u l-partikolaritajiet tal-persuni li huma awtorizzati li jirrappreżentaw lill-kumpannija meta tittratta ma' parijiet terzi u fi proċeduri legali;

— bħala organu tal-kumpannija kkonstitwita skond il-liġi jew bħala membri ta' kull organu minn dan, skond l-iżvelar mill-kumpannija kif iprovvdut fl-Artikolu 2(1)(d) tad-Direttiva 68/151/KEE,

— bħala rappreżentanti permanenti tal-kumpannija għall-attivitajiet tal-fergħa, b'indikazzjoni ta' safejn u sakemm jaslu l-poteri tagħhom;

(f) l-istralċ tal-kumpannija, il-ħatra ta' l-istralċjarji, il-partikolaritajiet li jirrigwardawhom u l-poteri tagħhom u t-tmiem tal-likwidazzjoni skond l-iżvelar mill-kumpannija kif iprovvdut fl-Artikolu 2(1)(h), (j) u (k) tad-Direttiva 68/151/KEE,

— il-proċeduri tal-falliment, l-arranġamenti, il-kompożizzjonijiet, jew kull proċediment ieħor analogu li għalihom il-kumpannija hija bla ħsara;

(g) id-dokumenti ta' kontijiet skond l-Artikolu 3;

(h) il-għelqu tal-fergħa;

2. L-Istat Membru li fih tkun infetħet il-fergħa jista' jipprovdi l-iżvelar, kif riferit fl-Artikolu 1,

(a) tal-firma tal-persuni riferiti fil-paragrafu 1 (e) u (f) ta' dan l-Artikolu;

(b) l-istrumenti tal-konstituzzjoni u l-memorandum u l-artikoli ta' l-assoċjazzjoni jekk ikunu jinsabu fi strument separat skond l-Artikolu 2(1)(a), (b) u (ċ) tad-Direttiva 68/151/KEE, flimkien ma' l-emendi għal dawn id-dokumenti;

(ċ) attestat mir-reġistru riferit fil-paragrafu 1 (ċ) ta' dan l-Artikolu li jkollu x'jasam ma' l-eżistenza tal-kumpannija;

(d) indikazzjoni tat-titoli fuq il-proprjetà tal-kumpannija li tkun tinsab f'dan l-Istat Membru, sakemm l-iżvelar jirrigwarda l-validità ta' dawn it-titoli.

Artikolu 3

L-iżvelar obligatorju pprovvdut bl-Artikolu 2(1)(g) għandu jiġi llimitat għad-dokumenti tal-kontijiet tal-kumpannija kif imfassla, ivverifikati u żvelati skond il-liġijiet ta' l-Istat Membru li bihom tkun irregolata l-kumpannija skond id-Direttivi 78/660/KEE, 83/349/KEE u 84/253/KEE.

Artikolu 4

L-Istat Membru li fih tkun infetħet il-fergħa jista' jistabbilixxi illi d-dokumenti riferiti fl-Artikolu 2(2)(b) u l-Artikolu 3 jridu jiġu ppubblikati f'isem ieħor uffiċjali Komunitarju u li t-traduzzjoni ta' dawn id-dokumenti trid tiġi ċċertifikata.

Artikolu 5

Meta kumpannija tkun fetħet iktar minn fergħa waħda fi Stat Membru, l-iżvelar riferit fl-Artikolu 2(2)(b) u l-Artikolu 3 jista' jsir fir-reġistru tal-fergħa bil-għażla tal-kumpannija.

F'dan il-każ, l-iżvelar obbligatorju mill-friegħi l-oħra għandu jkopri l-partikolaritajiet tar-reġistru tal-fergħa li tagħha kien sar l-iżvelar, flimkien man-numru ta' din il-fergħa f'dan ir-reġistru.

Artikolu 6

L-Istati Membri għandhom jstabbilixu illi l-ittri u formoli ta' l-ordnijiet użati minn fergħa għandhom jiddikjaraw, b'żieda mat-tagħrif stabbilit bl-Artikolu 4 tad-Direttiva 68/151/KEE, ir-reġistru li fih jinżamm il-fajl rigward il-fergħa flimkien man-numru tal-fergħa f'dan ir-reġistru.

TAQSIMA II

Il-friegħi ta' kumpanniji minn pajjiżi terzi

Artikolu 7

1. Id-dokumenti u l-partikolaritajiet li jirrigwardaw fergħa miftuħa fi Stat Membru minn kumpannija li mhix irregolata mill-liġijiet ta' Stat Membru iżda li hija ta' għamla legali li tista' titqabbel mat-tipi tal-kumpanniji li għalihom tapplika d-Direttiva 68/151/KEE għandhom jiżu żvelati skond il-liġijiet ta' l-Istat Membru tal-fergħa kif stabbilit fl-Artikolu 3 ta' din id-Direttiva.

2. Għandu japplika l-Artikolu 1(2).

Artikolu 8

L-iżvelar obbligatorju pprovdut fl-Artikolu 7 għandu jkopri mill-inqas id-dokumenti u l-partikolaritajiet li ġejjin:

- (a) l-indirizz tal-fergħa;
- (b) l-attivitajiet tal-fergħa;
- (c) il-liġijiet ta' l-Istat li bihom hija rregolata l-kumpannija;
- (d) meta dawn il-liġijiet jipprovdu dan, ir-reġistru li fih tkun irreġistrata l-kumpannija u n-numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpannija f'dan ir-reġistru;
- (e) l-istrumenti tal-kostituzzjoni, u l-memorandum u l-artikoli ta' l-assoċjazzjoni jekk ikunu jinsabu fi strument separat, bl-emendi kollha għal dawn id-dokumenti;
- (f) il-għamla legali tal-kumpannija, il-post prinċipali tal-kummerċ tagħha u l-għan tagħha u, għall-inqas kull sena, l-ammont tal-kapital sottoskritt jekk dawn il-partikolaritajiet ma jingħatawx fid-dokumenti riferiti fis-subparagrafu (e);
- (g) l-isem tal-kumpannija u l-isem tal-fergħa jekk dan ikun differenti mill-isem tal-kumpannija;
- (h) il-ħatra, it-tmiem tal-kariga u l-partikolaritajiet tal-persuni li jkun awtorizzati li jirrappreżentaw lill-kumpannija meta tittratta ma' partijiet terzi u fil-proċeduri legali;

- bħala organu tal-kumpannija kkonstitwit skond il-liġi jew bħala membri ta' kull organu minn dan,
- bħala rappreżentanti permanenti tal-kumpannija għall-attivitajiet tal-fergħa.

Għandu jiġi ddikjarat safejn u sakemm jaslu l-poteri tal-persuni awtorizzati biex jirrappreżentaw lill-kumpannija, flimkien ma' jekk jistgħux jagħmlu hekk waħedhom jew jekk għandhomx jaġixxu kongumentement;

- (i) — l-istralċ tal-kumpannija u l-ħatra ta' l-istralċjarji, il-partikolaritajiet li jirrigwardawhom u l-poteri tagħhom u t-tmiem tal-likwidazzjoni;
 - il-proċeduri tal-falliment, l-arranġamenti, il-kompożizzjonijiet jew kull proċediment ieħor analogu li għalih il-kumpannijan hija bla ħsara;
- (j) id-dokumenti tal-kontijiet skond l-Artikolu 7;
- (k) l-għeluq tal-fergħa.

Artikolu 9

1. L-iżvelar obbligatorju pprovdut bl-Artikolu 8(1)(j) għandu japplika għad-dokumenti tal-kontijiet tal-kumpannija kif imfassla, ivverifikati u żvelati skond il-liġijiet ta' l-Istat li jirregola l-kumpannija. Meta dawn ma' jifasslux skond jew b'mod ekwivalenti għad-Direttivi 78/660/KEE u 83/349/KEE, l-Istati Membri jstgħu jeħtieġu illi d-dokumenti tal-kontijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' l-attivitajiet tal-fergħa għandhom jifasslu u jiġu żvelati.

2. Għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 5.

Artikolu 10

L-Istati Membri għandhom jstabbilixxu illi l-ittri u l-formoli ta' l-ordnijiet użati minn fergħa għandhom jiddikjaraw ir-reġistru li fih jinżamm il-fajl dwar il-fergħa flimkien man-numru tal-fergħa f'dan ir-reġistru. Meta l-liġijiet ta' l-Istat li bihom tkun irregolata l-kumpannija jeħtieġu d-dħul f'reġistru, iridu jiġu ddikjarati wkoll ir-reġistru li fih tkun irreġistrata l-kumpannija, u n-numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpannija f'dan ir-reġistru.

TAQSIMA III

L-indikazzjoni tal-friegħi fir-rapport annwali tal-kumpannija

Artikolu 11

Is-subparagrafu li ġej jiddied ma' l-Artikolu 46(2) tad-Direttiva 78/660/KEE:

- “(e) l-eżistenza ta' friegħi tal-kumpannija”.

TAQSIMA IV

Dispożizzjonijiet transitorji u finali*Artikolu 12*

L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal penali xierqa fil-każ ta' nuqqas ta' żvelar tal-materiji ddikjarati fl-Artikoli 1, 2, 3, 7, 8 u 9 u tat-tħollija barra mill-ittri u l-forom ta' l-odnijiet rigward il-partikolaritajiet obbligatorji pprovvduti fl-Artikoli 6 u 10.

Artikolu 13

Kull Stat Membru għandu jiddeċiedi dwar min għandu jwettaq il-formalitajiet ta' l-iżvelar iprovvduti f'din id-Direttiva

Artikolu 14

1. L-Artikoli 3 u 9 ma għandhomx japplikaw għall-friegħi miftuħa minn istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji koperti bid-Direttiva 89/117/KEE ⁽¹⁾.

2. Sakemm ikun hemm kordinament sossegwenti, l-Istati Membri ma għandhomx għalfejn japplikaw l-Artikoli 3 u 9 għall-friegħi miftuħa minn kumpanniji ta' l-assigurazzjoni.

Artikolu 15

L-Artikolu 54 tad-Direttiva 78/660/KEE u l-Artikolu 48 tad-Direttiva 83/349/KEE għandhom jitħassru.

Artikolu 16

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex iħarsu din id-Direttiva mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 1992. Huma għandhom jgħarrfu b'dan lill-Kummissjoni minnufih.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu li d-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 1993 u, rigward id-dokumenti tal-kontijiet, għandhom japplikaw għall-ewwel darba għall-kontijiet annwali tas-sena finanzjarja li tibda fl-1 ta' Jannar 1993 jew matul is-sena 1993.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet tal-liġijiet nazzjonali li huma jadottaw fil-kamp kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 17

Il-Kumitat tal-Kuntatt stabbilit skond l-Artikolu 52 tad-Direttiva 78/660/KEE għandu wkoll:

- (a) iħaffef, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 169 u 170 tat-Trattat, l-applikazzjoni armonizzata ta' din id-Direttiva, permezz ta' laqgħat regolari li jittrattaw, b'mod partikolari, il-problemi prattiċi li jinħolqu b'konnessjoni ma' l-applikazzjoni tagħha;
- (b) jagħti parir lill-Kummissjoni, jekk meħtieġ, dwar kull żjieda jew emenda għal din id-Direttiva.

Artikolu 18

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-21 ta' Diċembru 1989.

Għall-Kunsill

Il-President

E. CRESSON

⁽¹⁾ ĠU L 44, tas-16.2.1989, p. 40.